**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 56

IL-Ħamis , 23 ta' April, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Peter Bonello | Preżenti |
| Viċi President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Preżenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Kunsillier Il-Gżira | Joe Camilleri | Skużat |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Skużat |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Viċi-Sindku Il-Pietà | Josephine Fabri | Preżenti |
| Sindku L-Iklin | Anthony Dalli | Preżenti |
| Kunsillier Ħal Balzan | Stephen Gatt | Skużat |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

1. **MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru 55 li saret nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu 2015, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sur Dominic Cassar.

2. **ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI**

*Ma kienx hemm ħwejjeġ li jirriżultaw mill-minuti.*

3. **IS-SUR JAMES XUEREB – *ROAD PATCHING REPAIR WITH HOT ASPHALT (EC STANDARD)***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri sabiex ngħaddu għall-item numru 6 u wara 7 li kien hemm fuq l-aġenda. Għal din ir-raġuni, il-President stieden lis-Sur James Xuereb (f'isem il-kumpanija Rodeco Ltd.) sabiex jagħti spjegazzjoni dwar x'qiegħda toffri l-kumpanija tiegħu.

Is-Sur Xuereb spjega dwar is-servizz ta' *patching* li l-kumpanija tiegħu qed toffri permezz ta' magni differenti li jispjeċjalizzaw f'sistema bażika ta' tarmakk li jsir dirett fuq il-post skont it-temperatura ta' kif għandha tkun u mhux tkun msaħħna mill-fabrika u sakemm tasal sa fuq il-post tkun leħqet bierdet. Wara li jsir il-patching, id-dawra tiġi ssiġilata b'sealer u likwidu speċjali. Żied jgħid ukoll li għalkemm il-patching għandu garanzija ta' sentejn, hekk kif inhu mitlub mill-Unjoni Ewropea, is-Sur Xuereb spjega li meta l-patching isir b'dan il-metodu jista' jservi sa ħames snin.

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa lis-Sur Xuereb jekk qattx avviċinaw lill-Water Service Corportation (WSC) bil-prodott tagħhom.

Is-Sur Xuereb spjega li kienu avviċinaw lid-WSC iżda dawn ma kenux interessati.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa lis-Sur Xuereb kemm ilha topera din il-kumpanija u jekk qattx ittenderjaw.

Is-Sur Xuereb spjega li barra minn Malta, ilha topera ħmistax-il sena, u ilha topera f'Malta għal dawn l-aħħar ħames snin.

Is-Sur Bonello spjega li fl-opinjoni tiegħu għandha ssir laqgħa bejn ir-Reġjun mad-WSC sabiex jitwasslu l-ilmenti komuni li qed ikollhom il-Kunsilli Lokali kollha.

4. **RAPPREŻENTANTI MILL-GUARD & WARDEN SERVICE HOUSE LTD.**

Il-President, is-Sur Peter Bonello, stieden liż-żewġ rappreżentanti mill-Guard & Warden Service House Ltd. –is-Sinjura Miriam Barbara u s-Sur Julian Dimech, sabiex tiġi diskussa l-ittra li ntbagħtet lill-G.W.S.H.Ltd f'isem il-membri tar-Reġjun.

Is-Sur Bonello spjega li waqt laqgħa tar-Reġjun, il-membri preżenti esprimew il-problemi li qed ikollhom mal-kumpanija G.W.S.H.Ltd u peress li dawn il-problemi kienu komuni f'kull lokalità, il-

membri qablu li dan ir-Reġjun għandu jibgħat ittra b'dawn il-problemi f'isimhom. Għal din ir-raġuni, is-Sur Kenneth De Martino, bagħat lill-dawn iż-żewġ rappreżentanti sabiex dawn il-problemi jiġu diskussi.

Is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, spjega li l-Kunsill tiegħu qed ikollu diversi problemi mal-G.W.S.H.Ltd. Ħafna drabi jkun hemm bookings mill-Kunsill Lokali għal gwardjan lokali u l-gwardjan ma jmurx jew jasal tard fuq il-post. Problema oħra hija li l-email li tintbaghat min-naħa tal-G.W.S.H. Ltd. qed tasal wara li jkun sar ix-xogħol u mhux eżatt kif ikun ibbukjat is-servizz sabiex l-iskrivana tal-Kunsill tkun tista' tikkonferma li d-detallji huma koretti.

Is-Sinjura Miriam Barbara infurmat lill-membri preżenti li kien hemm problema bis-sistema tal-emails u li din ġiet solvuta. Iżda s-Sinjura Barbara ħadet nota sabiex tara li l-email tintbagħat immedjatament kif isir il-booking mill-Kunsill.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, issuġġerixxa li laqgħat bħal dawn għandhom isiru aktar spissi bejn ir-raprezzentanti tal-G.W.S.H. Ltd. flimkien mal-membri tar-Reġjun, tal-inqas kull tliet xhur, sabiex il-kumpanija tkun aktar infurmata bil-problemi li qed ikollhom il-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, spjega li x-xogħol fil-Kunsilli Lokali żdied minħabba s-servizzi li qed jiġu offruti f'isem il-kumpanija G.W.S.H. Ltd. Il-Kusill ta' San Gwann saħansitra kellu jimpjega persuna fuq bażi part time biex taqdi lin-nies u kuntratturi fuq dawn il-permessi biss. Għal din ir-raġuni, is-Sur Cassar ippropona li l-kumpanija G.W.S.H. Ltd. għandha tħallas perċentwali ta' flus għal dan is-servizz.

Is-Sur Julian Dimech qal li hemm avviz legali li jispjega kollox dwar dan. Kien hemm anke diskussjoni mal-Gvern, anke minħabba r-riforma, iżda s'issa għad ma kienx hemm żviluppi ġodda.

Is-Sur Peter Bonello tkellem kif il-Kunsill għandu jinqeda f'mhux aktar minn 48 siegħa. Diversi drabi, il-Kunsilli Lokali jċempel biex jitlob Gwardjan Lokali u peress li ma jkunx hemm Gwardjan disponibli, il-Kunsill ikollu jirrikorri għal Pulizija jew rappreżentant mit-Transport Malta.

Is-Sur Julian Dimech spjega li dawn ikunu każijiet eċċezzjonali u li bħala kumpanija dejjem jaraw li l-Kunsill Lokali qed jinqeda b'dawn is-servizzi.

Is-Sinjura Miriam Barbara żiedet tgħid li jkun ferm apprezzat jekk il-Kunsill javviċina lill-kumpanija bil-problema li jkollhu sabiex b'hekk is-sitwazzjoni tkun tista' titranġa.

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, qal li għandu jkun hemm aktar attenzjoni mill-Gwardjan Lokali fuq il-permess li jkun ingħata mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali jagħti informazzjoni dettaljata fuq fejn għandu jkun lokat il-Gwardjan, kif għandu jidderiġi t-traffiku, u dak li qed jintalab mill-Kunsill Lokali. Iżda, diversi drabi, il-Kunsill dejjem jispiċċa jkollu jibgħat lil xi ħadd mill-uffiċċju fuq il-post sabiex jagħti spjegazzjoni ta' x'għandu jsir.

Is-Sur Peter Bonello żied jgħid li meta jkun hemm permess ta' krejn, il-Gwardjan Lokali li qiegħed għassa ma' dan il-krejn għandu jara li ma jitħalla l-ebda żejt fit-triq. Meta ma jsirx hekk, il-Gwardjan ma jħarrikx lill-kuntrattur u meta jkun għaddej il-Gwardjan tar-rotta, ikun tard wisq biex jagħti ċitazzjoni.

Is-Sur Julian Dimech issuġġerixxa li għandhom jiżdiedu l-ispezzjonijiet u jkun ferm aħjar jekk huma, bħala rappreżentanti tal-kumpanija G.W.S.H.Ltd. jiltaqgħu ma' kull lokalità individwalment sabiex il-problemi jiġu solvuti.

Is-Sur Peter Bonello żied jgħid li meta jkun hemm ħabta, id-dewmien huwa wisq, speċjlament meta jkunu f'toroq prinċipali.

Is-Sur Dimech spjega li ġeneralment, TMS ikunu fuq il-post f'mhux aktar minn 45 minuta. Dan ikun qed jiġi mmonitorjat mis-sistema tat-tracking. F'kaz ta' *peak hours*, jaslu ftit aktar tard fuq il-post.

Is-Sur Peter Bonello staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet, filwaqt li rringrazzja liż-żewġ rappreżentanti talli laqgħu l-istedina ta' dan ir-Reġjun.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq fuq il-mejda *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema għal talba biex titpoġġa speed camera f'Tower Road – il-parti bejn it-Torri u s-Surfside.

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, spjega li din it-Triq hija ta periklu kbir minħabba li saru diversi inċidenti tat-traffiku għax li hija triq dritta.

Il-President, is-Sur Bonello, qal li din għandha tiġi dikussa aktar fil-laqgħa li jmiss.

5.2 Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, fejn is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħ'Attard xtaqet tinforma lill-membri tar-Reġjun li l-flus li tqassmu mill-LES ser jituzaw sabiex isir:

- Concreting Triq il-Minġel - €13,981.38
- Resurfacing fejn il-Housing Estate - €9,135.48
- Resurfacing fi Triq il-Gonna - €31,455.98
- Concreting Sqaq il-Pjazzetta - €25,000.00
- Pavimentar fi Triq Alfred Camilleri, Triq id-Dirsa, Triq il-Mizieb, u parti minn Triq Alfred Camilleri. - €33,000

## 6. CAMERAS – CCTV U SPEED CAMERA

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li għalkemm dan l-*item* kien qiegħed fuq l-aġenda, talab lill-membri sabiex dan l-*item* jerġa' jitpoġġa fuq l-aġenda għal-laqgħa li jmiss. Dan għaliex l-uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba li kellu jattendi funeral.

## 7. MISTOQSIJIET

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-membri.

## 8. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri preżenti li din kienet l-aħħar laqgħa tiegħu fir-Reġjun u għalhekk xtaq jirringrazzja lil kulħadd li ħadem miegħu f'dan il-perjodu.

Huwa awgura lis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, kif ukoll lis-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, talli reġgħu ġew eletti filwaqt li rringrazzja lis-Sur Joe Camilleri, kif ukoll lis-Sur Stephen Gatt tax-xogħol li taw lil dan ir-Reġjun.

Madankollu, il-President informa lill-membri tar-Reġjun li uffiċċjalment din kienet l-aħħar laqgħa li ppresieda għax ma reġax ikkontesta l-elezzjonijiet lokali, skont il-klawsola fil-leġiżlazzjoni sussidjarja 363.160 :

> "**7.** Jekk tinħoloq vakanza każwali fil-kariga ta' President, il-persuna li tkun qed tokkupa l-kariga ta' Viċi President għandha tassumi l-kariga ta' President sakemm issir elezzjoni għall-ħatra ta' President skont ir-Regolamenti dwar l -Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali."

Minħabba din il-klawsola, il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, ser jieħu l-kariga ta' President mill-1 ta' Mejju 2015 sakemm issir elezzjoni għall-ħatra tal-President.

Kien hemm qbil unanimu li b'konformità mar-regolamenti tal-Kumitati Reġjonali, il-Viċi President jassumi l-kariga ta' President fl-1 ta' April 2013 u jsiru wkoll l-arranġamenti mal-bank.

Is-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai, irringrazzjat lis-Sur Peter Bonello f'isem il-membri tar-Reġjun tax-xogħol li kien ta bħala President fir-Reġjun.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

### *9.1 Kiri ta' Garaxx*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri preżenti li s-Sur George Seychell xtaq jiġbed l-attenzjoni tar-Reġjun li l-kera tal-garaxx f'Baħar Iċ-Ċagħaq ser tiskadi fl-aħħar ta' dan ix-xhar – April 2015. Xtaq ikun jaf jekk ir-Reġjun hux ser jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena ieħor. Huwa avża lis-Segretarju Eżekuttiv li s-somma ser titla b'mitejn ewro għal €2,400 fis-sena.

Is-Sur Stephen Sultana ssuġġerixxa li l-kuntratt għandu jiġġedded fuq perjodu ta' sentejn biex b'hekk ir-Reġjun ikun marbut fuq il-prezz. Żied jgħid ukoll li fil-kuntratt għandu jkun hemm miktub li tliet xhur qabel ma jkun ser jagħlaq il-kuntratt, ir-Reġjun għandu jinforma lis-Sur Seychell jekk ir-Reġjun ikunx ser jerġa' jġedded.

Il-membri preżenti qablu dwar dan.

### *9.2 Kuntratt tal-Mowbajl*

Il-Kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv għalaq fil-bidu ta' April 2015, u kif kien ġie diskuss fil-laqgħa Nru 49, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkollha kuntratt ġdid tal-mowbajl. Għal din ir-raġuni, is-Sinjura Galea tixtieq iżżom is-servizz tagħha mal-kumpanija MELITA PLC b'kuntratt ta' €75 fix-xhar.

Is-Sindku ta' Santa Venera staqsa jekk is-Segretarju tar-Reġjun jistax ikollu dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li hemm Memo fuq dan is-suġġett u li dan il-kuntratt kien diġà ġie approvat fil-laqgħa numru 49 mill-membri li kien hemm preżenti. Iżda, is-Sinjura Galea qalet li għandha tikkonferma mad-Dipartiment dwar dan.

### *9.3 Accounts Officer*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informal lill-membri dwar il-bżonn li jerġa' jinħatar bord sabiex jintgħażel Accounts Officer mis-sejħa esterna li kienet saret. Żewġ membri li kienu fil-bord ma reġgħux ħarġu fl-aħħar elezzjoni u għal din ir-raġuni l-bord għandu jiltaqa' biex jagħmel *short listing* tal-kandidati, u wara jsiru l-intervisti mal-aħjar applikanti.

Peress li għadhom ma bdewx jattendu r-rappreżentanti l-ġodda li ġew eletti fl-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-President, is-Sur Peter Bonello, issuġġerixxa li dan il-bord għandu jinħatar fil-laqgħa li jmiss.

Il-Membri preżenti qablu dwar dan.

**10. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Is-Sur Stefan Cordina, sekondata mis-Sur Dominic Cassar, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 54 Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**11. TMIEM**

Fis-6.50pm intemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Ħamis 28 ta' Mejju, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Stefan Cordina
President